**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Frankie Sammut]**

**vs**

**Giuseppe Falzon**

**Kumpilazzjoni Numru: 161/15**

**Illum, 11 ta' Gunju, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra Giuseppe Falzon detentur tal-karta tal-identita` numru 559558M gie akkuzat talli fit-18 ta' April 2014 u jew fil-perjodu ta' qabel din id-data fl-inhawi ta' Haz-Zabbar volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Volks Wagen Polo b'numru ta' registrazzjoni FBL 879, liema hsara hija ta' aktar minn 116.47 ewro izda mhux aktar minn 1164.69 ewro ghad-dannu ta' Charlene Falzon minn Haz-Zabbar.

Art:325(b) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina tal-imputat li ma hijiex wahda netta izda mhux refrattarja;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuza kif dedotta kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha ta l-kunsens sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat hsarat fuq karrozza tal-marka Wolkswagen bin-numru ta' registrazzjoni FBL 879 propjeta' tal-parte civile Charlene Falzon nhar it-tmintax (18) ta' April elfejn u erbatax (2014), l-imputat allegatament waddab gebla fuq il-karrozza taghha wara li qam argument bejnu u l-familjari tieghu li joqghodu hdejn l-imputat Haz Zabbar.

Illi din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tisma' x-xhieda kollha fosthom tal-parte civile Charlene Falzon li esebiet numru ta' dokumenti fosthom ricevuta tal-isprejer peress li kienet sprenjat il-karrozza xahar qabel l-allegat incident a fol. tnejn u ghoxrin (22), certifikat mediku ta' ommha Antonia Falzon datat wiehed u ghoxrin (21) ta' April elfejn u erbatax (2014) u ricevuta ta' xoghlijiet li saru fuq il-vettura in kwistjoni a fol. erbgha u ghoxrin (24) tal-process.

Illi semghet ix-xhieda tad-difiza senjatament lill-imputat Giuseppe Falzon li rega' kkonferma l-istqarrija tieghu fejn innega li hu ta xi daqqiet lill-vettura ta' Charlene Falzon u xehdu wkoll il-mara tal-imputat u t-tifla tieghu Amanda Falzon u missieru Carmelo Falzon li kollha kkoraboraw il-verzjoni tal-imputat.

Illi f'dawn il-proceduri hemm serje ta' elementi mankanti fil-kaz tal-prosekuzzjoni illi jdajjfu l-kaz taghhom. Dan per ezempju ma giex ipprezentat l-

oggett materjali tal-allegat reat u cioe' l-hsarat subiti fuq il-vettura inkwistjoni. Dan ghaliex f'dawn l-atti kull ma gie pprezentat kien ritratt tal-vettura mill-boghod (fol. sitta u tletin (36)) li bl-ebda mod ma juru l-allegat hsarat. Huwa ghalhekk possibbli li l-parte civile ma hadet l-ebda ritratt tal-hsarat li qed tallega?

Fattur iehor li jabbraccja l-istess argument huwa d-dokumentipprezentat a fol. erbgha u ghoxrin (24) tal-process li hija rcevuta ta' xi xoghlijiet maghmula fuq il-vettura inkwistjoni. Pero' dan id-dokument, ghalkemm gie kkonfermat bil-gurament bhala dokument awtentiku mahrug mill-kumpanija Michael Debono Ltd., hadd mill-istess kumpanija ma gie jixhed a rigward tan-natura tax-xogholijiet li saru fuq din il-vettura.

Illi ulterjorment, anke jekk ghall-prosekuzzjoni kien hemm numru ta' xhieda migjuba, hekk ukoll ugwalment kien hemm ghad-difiza li kollha kienet korroboranti mal-verzjoni tal-imputat li kienet dejjem kostanti mill-istqarrija. Illi ghalhekk ukoll u in vista ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, ix-xhieda tad-difiza ghandha jkollha aktar kredibilita' meta mqabbla ma' dik tal-prosekuzzjoni.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Giuseppe Falzon** hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu u tilliberah minnha stante li ma gietx ippruvata.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**